C/2026/5190

7.10.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/5190)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Poularde du Périgord"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-FR-01373-AM01 —19.8.2026

1. **Isem il-prodott**

"Poularde du Périgord"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

3. **Settur**

☑ Prodotti agrikoli

☐ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Organizzazzjoni

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Settur Agroalimentari u għas-Sovranità tal-Ikel

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-applikazzjoni għal emenda tal-IĠP "Poularde du Périgord" ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni; speċifikament ma:

(a) tinvolvix bidla fl-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta/indikazzjoni ġeografika protetta;

(b) tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni hija għal emenda standard.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Dettalji ta' kuntatt

Deskrizzjoni

Id-dettalji ta' kuntatt tal-INAO u dawk tal-grupp applikant ġew aġġornati.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Tip ta' prodott

Deskrizzjoni

It-taqsima relatata mat-tip ta' prodott, li qabel kien iddefinit skont il-klassi tiegħu, tħassret mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Deskrizzjoni tal-prodott

Deskrizzjoni

Id-deskrizzjoni tal-prodott fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġiet emendata. Ġie speċifikat li r-razez li jikbru bil-mod li minnhom joriġina l-"Poularde du Périgord" huma b'saħħithom. Żdiedu wkoll dettalji dwar is-saqajn sofor.

Tneħħiet il-karatteristika Cou Nu, u l-punt ewlieni huwa li jinżamm ir-rekwiżit li jintużaw razez li jikbru bil-mod.

Ġie inkluż piż ta' 1,8 kg għat-tiġieġ tas-simna "métifet" (semipreparati).

L-għażliet tal-imballaġġ ġew estiżi biex jakkomodaw żviluppi teknoloġiċi futuri.

Ġie speċifikat li l-karkassi u l-qatgħat huma kklassifikati bħala tal-klassi A.

Il-ġewwieni frisk jew iffriżat (il-qalb, il-fwied, il-qanżħa) żdied mal-prodotti li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati bl-isem "Poularde du Périgord".

Żdied piż minimu ta' 90 % tal-karkassi evixxerati mingħajr il-ġewwieni għall-pollam maħsub għat-tqattigħ sabiex isir użu tajjeb mill-qatgħat mill-pollam li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Definizzjoni taż-żona ġeografika

Deskrizzjoni

Il-lista tal-muniċipalitajiet ġiet aġġornata biex tiġi konformi mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2025 mingħajr ma tinbidel iż-żona tal-produzzjoni.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Evidenza li l-prodott joriġina fiż-żona ġeografika

Deskrizzjoni

Id-dijagramma tat-traċċabilità tħassret peress li ma tipprovdi l-ebda informazzjoni addizzjonali. It-tabella tipprovdi biżżejjed informazzjoni.

Din it-taqsima ġiet allinjata mal-emendi li saru fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Deskrizzjoni tal-metodu ta' produzzjoni

Deskrizzjoni

— Subintestatura 5.1 Ċiklu tal-ħajja tal-prodott

Tħassret id-dijagramma taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott peress li ma tipprovdi l-ebda informazzjoni addizzjonali.

— Subintestatura 5.2 Bhejjem

Ġie speċifikat li r-razez użati huma b'saħħithom u jikbru bil-mod. Tneħħiet il-karatteristika Cou Nu, u hekk ukoll il-lista ta' razez li jistgħu jintużaw u r-rekwiżit għall-bord ta' ġestjoni li japprova l-użu ta' razza b'saħħitha u li tikber bil-mod mhux imsemmija fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Żdiedet projbizzjoni fuq l-użu taż-żejt tal-palm fl-għalf tat-tiġieġ tas-simna.

Il-fażijiet tat-tmigħ għat-tiġieġ tas-simna tnaqqsu minn erbgħa għal tlieta b'riżultat tat-tneħħija tad-dati ta' tranżizzjoni bejn it-tkabbir u l-finitura, u b'hekk jippermettu flessibbiltà akbar biex tiġi aġġustata l-formula tal-għalf. Il-kontenut medju taċ-ċereali fir-razzjon issa se jiġi kkalkulat fuq bażi ponderata matul il-fażi kollha tat-tkabbir u tat-tismin.

Ġie speċifikat li t-trattamenti bl-antibijotiċi jridu jkunu limitati għal dawk strettament neċessarji biex l-annimali jitreġġgħu lura għal saħħa tajba.

Żdiedet dispożizzjoni li tirrikjedi li l-gallinari jkunu mgħammra bi twieqi u bi mqafes.

L-erja minima tal-mergħa għat-tiġieġ tas-simna li għandhom sa 91 jum tnaqqset minn 4 m^2/għasfur għal 2 m^2/għasfur. L-erja minima tal-mergħa għat-tiġieġ tas-simna li għandhom 92 jum u aktar tnaqqset minn 4 m^2/għasfur għal 3 m^2/għasfur.

Ġie speċifikat l-għadd ta' siġar u ta' arbuxelli fil-mergħa (mill-inqas waħda jew wieħed għal kull 150 tiġieġa tas-simna).

Żdied perjodu ta' 7 ijiem ta' xogħol bejn it-tneħħija tal-pollam u t-tindif/id-diżinfezzjoni tal-gallinar.

Jingħataw id-dettalji dwar id-durata tal-perjodu ta' mistrieħ sanitarju, fejn jiġi indikat speċifikament li dan jista' jitnaqqas għal 12-il jum dment li t-tul totali tal-aħħar tliet perjodi ta' mistrieħ sanitarju jaqbeż it-42 jum.

— Subintestatura 5.3 Kundizzjonijiet għat-tneħħija u għat-trasport lejn il-biċċerija

Tneħħa l-ħin massimu ta' stennija ta' 6 siegħat qabel il-qatla.

Iddaħħlet is-Subintestatura 5.4 Produzzjoni tal-ġewwieni. Fiha dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għat-tħejjija tal-ġewwieni fil-biċċeriji.

— Subintestatura 5.5 Tqattigħ u preżentazzjoni ta' prodotti mqattgħin

Il-perjodu bejn il-qatla u t-tqattigħ ġie estiż.

— Subintestatura 5.6 Imballaġġ u preżentazzjoni ta' prodotti friski

L-għażliet tal-imballaġġ ġew estiżi biex jakkomodaw żviluppi teknoloġiċi futuri.

— Subintestatura 5.7 Iffriżar ta' prodotti

Il-perjodu bejn il-qatla u l-iffriżar ġie estiż.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Evidenza tar-rabta mal-ambjent ġeografiku

Deskrizzjoni

Din it-taqsima nkitbet mill-ġdid biex tqis il-limitu ta' 2 500 kelma fid-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Dettalji speċifiċi tat-tikkettar

Deskrizzjoni

Il-logo tal-grupp sar fakultattiv biex jakkomoda d-diversità tad-daqsijiet tal-imballaġġ.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Rekwiżiti nazzjonali

Deskrizzjoni

Il-punti ewlenin li għandhom jiġu vverifikati ġew allinjati mal-emendi proposti għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli

"Poularde du Périgord"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-FR-01373-AM01 —19.8.2026

1. **Isem/Ismijiet**

"Poularde du Périgord"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

4.1. *Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143*

02 – LAĦAM U ĠEWWIENI TAL-LAĦAM LI JITTIEKEL

4.2. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu li għalih japplika l-isem reġistrat*

Il-"Poularde du Périgord" huwa għasfur b'laħam isfar u b'saqajn sofor, li ġej minn razez b'saħħithom u li jikbru bil-mod.

Jitrabba għal minimu ta' 120 jum, inkluż stadju finali tat-tismin. Jipproduċi karkassa sħiħa b'piż minimu ta' 2,0 kg għall-verżjoni mnaddfa, 1,8 kg għall-verżjoni "métifet" (semipreparata) u 1,7 kg għall-verżjoni "lesta għat-tisjir", li huma ppreżentati bħala tal-klassi A.

Huwa tajr xaħmi għal okkażjonijiet festivi, b'mases muskolari żviluppati ħafna u tondi mqassma b'mod uniformi fuq skeletru rqiq. Il-ġilda, li hija rqiqa ħafna u għandha kulur isfar skur u uniformi, tiżvela kisja sostanzjali ta' xaħam taħt il-ġilda. Il-mases muskolari kollha għandhom xaħam intramuskulari deskritt bħala "mraħħam".

Jiġi kkummerċjalizzat fil-forma ta' karkassi jew ta' qatgħat friski jew iffriżati. Jiġi ppreżentat għall-bejgħ mhux imballat jew imballat f'atmosfera protettiva.

Il-ġewwieni (il-qalb, il-fwied, il-qanżħa) jinbiegħ frisk jew iffriżat.

Il-karkassi huma ppreżentati bħala:

— karkassi mnaddfa (tiġieġ tas-simna mnittef, evixxerat, bir-ras, bis-saqajn u bil-ġewwieni);

— "lesti għat-tisjir" (RTC) (tiġieġ tas-simna mnittef, evixxerat, mingħajr ras, bit-tarsu jew mingħajru);

— karkassi "métifet" jew "méti-fait" (tiġieġ tas-simna mnittef, evixxerat, bit-tarsu jew mingħajru, u bir-ras milwija taħt il-ġewnaħ).

Trid tingħata attenzjoni partikolari għall-kwalità tal-karkassi ppreżentati sħaħ u qatgħat, li jridu jkunu bla difetti.

Il-karkassi u l-qatgħat iridu jikkonformaw mal-kriterji ta' preżentazzjoni li ġejjin:

— Il-karkassi mibjugħa sħaħ huma tal-klassi A.

— Il-qatgħat jikkonformaw mal-kriterji tal-preżentazzjoni għall-klassi A u jistgħu jiġu minn karkassi tal-klassi A jew minn karkassi bi ftit difetti, b'piż minimu ta' 90 % tal-karkassi evixxerati mingħajr il-ġewwieni.

4.3. *Derogi dwar l-akkwist ta' għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali ddeżinjati b'denominazzjoni ta' oriġini protetta biss) u restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' materja prima (għal prodotti proċessati ddeżinjati minn indikazzjoni ġeografika protetta biss)*

—

4.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

It-trobbija u l-qtil isiru fiż-żona ġeografika.

Il-biċċeriji ta' Périgord żviluppaw u ppreservaw għarfien prattiku speċifiku li jikkontribwixxi għar-reputazzjoni tal-prodott u għall-kwalità finali tal-prodott ippreżentat, b'mod partikolari l-preżentazzjoni tal-verżjoni "méti-fait".

4.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

It-tqattigħ u l-imballaġġ iridu jsiru fis-sit tal-biċċerija. Dan jippermetti li dawn il-proċessi jitwettqu f'sekwenza, mingħajr ma jaffettwaw ħażin il-kwalità tal-laħam, li, meta jinbiegħ frisk, huwa prodott fraġli li jiddeterjora malajr mal-kuntatt mal-arja.

4.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

Minbarra l-informazzjoni obbligatorja meħtieġa mir-regoli dwar it-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti tal-ikel, it-tikkettar irid juri l-isem reġistrat tal-prodott u l-logo tal-IĠP tal-Unjoni Ewropea fl-istess kamp viżiv.

It-tikketti jistgħu juru l-logo komuni li jkun disponibbli għall-operaturi kollha li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

5. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

Id-Dipartiment ta' Dordogne: il-muniċipalitajiet kollha;

Id-Dipartiment ta' Charente:

muniċipalitajiet sħaħ: Aubeterre-sur-Dronne, Bardenac, Bazac, Bellon, Blanzaguet-Saint-Cybard, Boisné-La Tude, Bonnes, Bors (Canton de Tude-et-Lavalette), Brie-sous-Chalais, Chalais, Charras, Cherves-Châtelars, Combiers, Courgeac, Courlac, Curac, Deviat, Dignac, Ecuras, Edon, Eymouthiers, Feuillade, Fouquebrune, Grassac, Gurat, Juignac, Laprade, Le Lindois, Les Essards, Lésignac-Durand, Magnac-lès-Gardes, Mainzac, Marthon, Massignac, Mazerolles, Médillac, Montboyer, Montbron, Montemboeuf, Montignac-le-Coq, Montmoreau, Mouzon, Nabinaud, Nonac, Orgedeuil, Orival, Palluaud, Pillac, Poullignac, Rioux-Martin, Ronsenac, Rouffiac, Rougnac, Roussines, Rouzède, Saint-Adjutory, Saint-Avit, Saint-Germain-de-Montbron, Saint-Martial, Saint-Quentin-de-Chalais, Saint-Romain, Saint-Séverin, Saint-Sornin, Salles-Lavalette, Sauvagnac, Sers, Souffrignac, Torsac, Vaux-Lavalette, Verneuil, Villebois-Lavalette, Vitrac-Saint-Vincent, Vouthon u Yviers;

Id-Dipartiment ta' Charente-Maritime:

muniċipalitajiet sħaħ: Boresse-et-Martron, Boscamnant, Cercoux, Clérac, La Barde, La Clotte, La Genétouze, Le Fouilloux, Montguyon, Neuvicq, Saint-Aigulin, Saint-Martin-d'Ary, Saint-Martin-de-Coux u Saint-Pierre-du-Palais;

Id-Dipartiment ta' Corrèze, għajr il-muniċipalitajiet ta':

Aix, Alleyrat, Altillac, Ambrugeat, Auriac, Bassignac-le-Bas, Bassignac-le-Haut, Bellechassagne, Bonnefond, Bort-les-Orgues, Bugeat, Camps-Saint-Mathurin-Léobazel, Champagnac-la-Prune, Chavanac, Chaveroche, Chirac-Bellevue, Clergoux, Combressol, Confolent-Port-Dieu, Couffy-sur-Sarsonne, Courteix, Darazac, Darnets, Davignac, Espagnac, Eygurande, Feyt, Goulles, Gourdon-Murat, Grandsaigne, Gros-Chastang, Gumond, Hautefage, La Chapelle-Saint-Géraud, La Roche-Canillac, Lafage-sur-Sombre, Lamazière-Basse, Lamazière-Haute, Lapleau, Laroche-près-Feyt, Latronche, Laval-sur-Luzège, Lestards, Liginiac, Lignareix, Marcillac-la-Croisille, Margerides, Maussac, Mercœur, Merlines, Mestes, Meymac, Millevaches, Monestier-Merlines, Monestier-Port-Dieu, Neuvic, Palisse, Péret-Bel-Air, Pérols-sur-Vézère, Peyrelevade, Pradines, Reygade, Rilhac-Xaintrie, Roche-le-Peyroux, Saint-Angel, Saint-Bonnet-les-Tours-de-Merle, Saint-Bonnet-près-Bort, Saint-Cirgues-la-Loutre, Saint-Étienne-aux-Clos, Saint-Étienne-la-Geneste, Saint-Exupéry-les-Roches, Saint-Fréjoux, Saint-Geniez-ô-Merle, Saint-Germain-Lavolps, Saint-Hilaire-Foissac, Saint-Hilaire-Luc, Saint-Julien-aux-Bois, Saint-Julien-le-Pèlerin, Saint-Martin-la-Méanne, Saint-Merd-de-Lapleau, Saint-Merd-les-Oussines, Saint-Pantaléon-de-Lapleau, Saint-Pardoux-la-Croisille, Saint-Pardoux-le-Neuf, Saint-Pardoux-le-Vieux, Saint-Paul, Saint-Privat, Saint-Rémy, Saint-Setiers, Saint-Sulpice-les-Bois, Saint-Victour, Sainte-Marie-Lapanouze, Sarroux - Saint Julien, Sérandon, Servières-le-Château, Sexcles, Sornac, Soudeilles, Soursac, Tarnac, Thalamy, Toy-Viam, Ussel, Valiergues, Veyrières u Viam;

ukoll għajr il-parti tal-muniċipalità ta' Argentat-sur-Dordogne li tkopri biss it-territorju tal-muniċipalità delegata ta' Saint-Bazile-de-la-Roche;

Id-Dipartiment ta' Gironde:

muniċipalitajiet sħaħ: Abzac, Belvès-de-Castillon, Bossugan, Camps-sur-l'Isle, Caplong, Castillon-la-Bataille, Chamadelle, Civrac-Sur-Dordogne, Coubeyrac, Coutras, Doulezon, Eynesse, Flaujagues, Francs, Gardegan-et-Tourtirac, Gensac, Gours, Juillac, La Roquille, Le Fieu, Les Artigues-de-Lussac, Les Eglisottes-et-Chalaures, Les Lèves-et-Thoumeyragues, Les Peintures, Les Salles-de-Castillon, Ligueux, Lussac, Margueron, Montagne, Mouliets-et-Villemartin, Néac, Pessac-sur-Dordogne, Petit-Palais-et-Cornemps, Pineuilh, Porchères, Puisseguin, Pujols, Puynormand, Rauzan, Riocaud, Saint-André-et-Appelles, Saint-Antoine-sur-l'Isle, Saint-Avit-de-Soulège, Saint-Avit-Saint-Nazaire, Saint-Christophe-de-Double, Saint-Christophe-des-Bardes, Saint-Cibard, Sainte-Colombe, Sainte-Florence, Sainte-Foy-la-Grande, Sainte-Radegonde, Sainte-Terre, Saint-Etienne-de-Lisse, Saint-Genès-de-Castillon, Saint-Hippolyte, Saint-Jean-de-Blaignac, Saint-Laurent-des-Combes, Saint-Magne-de-Castillon, Saint-Médard-de-Guizières, Saint-Pey-d'Armens, Saint-Pey-de-Castets, Saint-Philippe-d'Aiguille, Saint-Philippe-du-Seignal, Saint-Quentin-de-Caplong, Saint-Sauveur-de-Puynormand, Saint-Seurin-sur-l'Isle, Saint-Vincent-de-Pertignas, Tayac u Vignonet;

Id-Dipartiment ta' Haute-Vienne, għajr il-muniċipalitajiet ta':

Arnac-la-Poste, Azat-le-Ris, Balledent, Bellac, Berneuil, Bessines-sur-Gartempe, Blanzac, Blond, Breuilaufa, Chamboret, Châteauponsac, Cieux, Compreignac, Cromac, Dinsac, Dompierre-les-Églises, Droux, Folles, Fromental, Gajoubert, Jouac, La Bazeuge, La Croix-sur-Gartempe, Le Buis, Le Dorat, Les Grands-Chézeaux, Lussac-les-Églises, Magnac-Laval, Mailhac-sur-Benaize, Montrol-Sénard, Mortemart, Nantiat, Nouic, Oradour-Saint-Genest, Peyrat-de-Bellac, Rancon, Razès, Saint-Amand-Magnazeix, Saint-Bonnet-de-Bellac, Saint-Georges-les-Landes, Saint-Hilaire-la-Treille, Saint-Junien-les-Combes, Saint-Léger-Magnazeix, Saint-Martial-sur-Isop, Saint-Martin-le-Mault, Saint-Ouen-sur-Gartempe, Saint-Pardoux-le-Lac, Saint-Sornin-la-Marche, Saint-Sornin-Leulac, Saint-Sulpice-les-Feuilles, Tersannes, Thouron, Val d'Issoire, Val-d'Oire-et-Gartempe, Vaulry, Verneuil-Moustiers u Villefavard;

Id-Dipartiment ta' Lot-et-Garonne:

muniċipalitajiet sħaħ: Agmé, Agnac, Allemans-du-Dropt, Allez-et-Cazeneuve, Anthé, Armillac, Auriac-sur-Dropt, Baleyssagues, Beaugas, Beaupuy, Bias, Birac-sur-Trec, Blanquefort-sur-Briolance, Boudy-de-Beauregard, Bourgougnague, Bourlens, Bournel, Brugnac, Cahuzac, Calonges, Cambes, Cancon, Casseneuil, Castelmoron-sur-Lot, Castelnaud-de-Gratecambe, Castelnau-sur-Gupie, Castillonnès, Caubon-Saint-Sauveur, Caumont-sur-Garonne,

Cavarc, Cazideroque, Clairac, Condezaygues, Coulx, Courbiac, Cuzorn, Dévillac, Dolmayrac, Doudrac, Douzains, Duras, Escassefort, Esclottes, Fauguerolles, Fauillet, Ferrensac, Fongrave, Fourques-sur-Garonne, Fumel, Gavaudun, Gontaud-de-Nogaret, Grateloup-Saint-Gayrand, Hautesvignes, La Sauvetat-du-Dropt, La Sauvetat-sur-Lède, Labretonie, Lacapelle-Biron, Lacaussade, Lachapelle, Lafitte-sur-Lot, Lagruère, Lagupie, Lalandusse, Laparade, Laperche, Laussou, Lauzun, Lavergne, Le Mas-d'Agenais, Le Temple-sur-Lot, Lédat, Lévignac-de-Guyenne, Longueville, Loubès-Bernac, Lougratte, Marmande, Masquières, Mauvezin-sur-Gupie, Mazières-Naresse, Miramont-de-Guyenne, Monbahus, Monclar, Monflanquin, Monségur, Monsempron-Libos, Montagnac-sur-Lède, Montastruc, Montauriol, Montaut, Montayral, Monteton, Montignac-de-Lauzun, Montignac-Toupinerie, Monviel, Moulinet, Moustier, Pailloles, Pardaillan, Parranquet, Paulhiac, Peyrière, Pinel-Hauterive, Pujols, Puymiclan, Puysserampion, Rayet, Rives, Roumagne, Saint-Antoine-de-Ficalba, Saint-Astier, Saint-Aubin, Saint-Avit, Saint-Barthélemy-d'Agenais, Saint-Colomb-de-Lauzun, Sainte-Bazeille, Sainte-Colombe-de-Duras, Sainte-Colombe-de-Villeneuve, Sainte-Livrade-sur-Lot, Sainte-Marthe, Saint-Étienne-de-Fougères, Saint-Étienne-de-Villeréal, Saint-Eutrope-de-Born, Saint-Front-sur-Lémance, Saint-Georges, Saint-Géraud, Saint-Jean-de-Duras, Saint-Martin-de-Villeréal, Saint-Martin-Petit, Saint-Maurice-de-Lestapel, Saint-Pardoux-du-Breuil, Saint-Pardoux-Isaac, Saint-Pastour, Saint-Pierre-sur-Dropt, Saint-Quentin-du-Dropt, Saint-Sernin, Saint-Vite, Salles, Samazan, Sauveterre-la-Lémance, Savignac-de-Duras, Savignac-sur-Leyze, Ségalas, Sembas, Sénestis, Sérignac-Péboudou, Seyches, Soumensac, Taillebourg, Thézac, Tombeboeuf, Tonneins, Tourliac, Tournon-d'Agenais, Tourtrès, Varès, Verteuil-d'Agenais, Villebramar, Villeneuve-de-Duras, Villeneuve-sur-Lot, Villeréal, Villeton u Virazeil;

Id-Dipartiment ta' Lot, għajr il-muniċipalitajiet ta':

Bagnac-sur-Célé, Béduer, Bessonies, Camboulit, Camburat, Capdenac, Cuzac, Faycelles, Felzins, Figeac, Fons, Fourmagnac, Gorses, Labastide-du-Haut-Mont, Ladirat, Latronquière, Lauresses, Lentillac-Saint-Blaise, Linac, Lissac-et-Mouret, Lunan, Montet-et-Bouxal, Montredon, Planioles, Prendeignes, Sabadel-Latronquière, Saint-Cirgues, Saint-Félix, Saint-Hilaire, Saint-Jean-Mirabel, Saint-Médard-Nicourby, Saint-Perdoux, Sénaillac-Latronquière, Sousceyrac-en-Quercy, Terrou u Viazac.

6. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta kawżali mal-oriġini ġeografika hija bbażata fuq:

☑ reputazzjoni

☑ kwalità speċifika

☐ karatteristiċi oħra

Sommarju tar-rabta

Ir-rabta mal-oriġini tal-"Poularde du Périgord" hija marbuta mar-reputazzjoni tiegħu u mal-kwalità tal-prodott, bis-saħħa tal-metodu tat-trobbija u tal-għarfien prattiku tal-bdiewa, li jxerrdu ċereali tal-ħabba sħiħa fuq il-mifrex u, fuq kollox, dieta bbażata fuq razzjon li jrid jikkonsisti minn żewġ ħbub u suppliment tat-tafal (bentonit).

Speċifiċità taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika tinsab fil-Lbiċ ta' Franza u hija ċċentrata madwar id-dipartiment ta' Dordogne.

Meta ddefinit b'dan il-mod, Périgord jikkorrispondi għal żona vasta ta' għoljiet fil-qiegħ ġeneralment inklinati f'angolu lejn il-Grigal u l-Lbiċ. Bħala riżultat tal-qsim tal-blat irregolari u reżistenti fiż-żona, il-bosta nixxigħat u xmajjar iffurmaw network ta' widien żgħar li huma orjentati u ffurmati b'modi differenti iżda jiffurmaw wieħed mill-elementi strutturali ewlenin tat-terren ta' Périgord. Il-widien biss, rikki f'depożiti alluvjali, huma verament adattati għall-kultivazzjoni taċ-ċereali. L-għoljiet, li ħafna drabi jkunu weqfin u msaġġrin, għandhom it-tendenza li jintużaw għat-trobbija tal-bhejjem minflok.

Il-kumplessità ġeoloġika wasslet għall-preżenza ta' bosta depożiti minerali (ħadid, deheb, ġebla tal-ġir, kawlina). Uħud minn dawn huma sfruttati biex jipproduċu fuller's earth li jikkonsisti minn bentonit u minn montmorillonit, li għandu proprjetajiet speċifiċi.

Il-klima taż-żona ġeografika hija ġeneralment moderata u tat-tip oċeaniku modifikat, li jfisser li hija soġġetta għas-sistema klimatika prevalenti fit-Tramuntana tal-Oċean Atlantiku, iżda b'influwenzi kontinentali u Mediterranji qawwija.

Il-kultivazzjoni tal-qamħirrum hija mifruxa sew fiż-żona ġeografika kollha. Il-kultivazzjoni taċ-ċereali tat-tiben hija mifruxa ferm; il-qamħ komuni u t-tritikal jippredominaw.

Fir-rigward tal-fatturi umani, it-trobbija tal-pollam f'Périgord bdiet tiżviluppa b'mod sinifikanti fis-seklu erbatax.

Kien biss matul is-seklu dsatax li Périgord sar art tal-produzzjoni tal-pollam fih innifsu, għalkemm il-produzzjoni żammet il-karattru tradizzjonali u tat-tip familjari tagħha.

L-ewwel "Syndicat de défense du Poulet Fermier du Périgord" ġie stabbilit fl-1953. Dak iż-żmien, ir-regolament tekniku tiegħu ddefinixxa kif għandu jitrabba l-pollam "skont il-metodu ta' produzzjoni tal-farms użat f'Périgord".

Dawn l-iżviluppi u r-reputazzjoni tat-tiġieġ ħeġġew lill-bdiewa tal-pollam ta' Périgord biex jiżviluppaw il-produzzjoni tal-pollam għal okkażjonijiet festivi abbażi tal-għarfien prattiku tradizzjonali ppreservat f'Périgord.

It-trobbija tat-tiġieġ tas-simna segwa l-istess prattiki bħat-trobbija tat-tiġieġ. L-għarfien prattiku dwar l-għalf wera li kien partikolarment adattat tajjeb biex jestendi l-perjodu tat-trobbija ta' dawn it-tiġieġ u għat-tismin tagħhom. Bħal fil-passat, il-bdiewa ta' Périgord ixerrdu ftit ponnijiet ċereali tal-ħabba sħiħa fuq il-mifrex ta' ġewwa kuljum. Barra minn hekk, jikkomplementaw ir-razzjon taċ-ċereali bil-bentonit, tafal magħruf sew f'Périgord għall-effetti diġestivi ta' benefiċċju tiegħu fil-pollam.

Speċifiċità tal-prodott

Il-"Poularde du Périgord" huwa għasfur xaħmi għal okkażjonijiet festivi, b'mases muskolari żviluppati ħafna u tondi. Il-mases muskolari kollha għandhom xaħam intramuskulari deskritt bħala "mraħħam" u kisja sostanzjali ta' xaħam taħt il-ġilda.

Trid tingħata attenzjoni partikolari għall-kwalità tal-karkassi ppreżentati sħaħ, li jridu jkunu bla difetti.

Rabta kawżali

Bis-saħħa tal-klima oċeanika moderata tagħha u tal-altitudni baxxa sa medja tagħha, iż-żona ġeografika hija post favorevoli għat-trobbija tal-pollam.

Il-widien, rikki f'depożiti alluvjali, jintużaw għall-kultivazzjoni taċ-ċereali u l-għoljiet, ħafna drabi weqfin u msaġġrin, jintużaw għall-mergħat tat-trobbija.

L-inklużjoni ta' dawn iċ-ċereali fir-razzjon tal-għalf hija bbażata fuq il-preżenza regolari tagħhom fin-newba tal-għelejjel tal-farms ta' Périgord sa minn età bikrija ħafna u tikkostitwixxi profil nutrittiv speċifiku li huwa partikolarment bilanċjat tajjeb għall-iżvilupp u għat-tismin tal-pollam.

Il-qamħirrum, li huwa kkultivat ħafna, għandu pożizzjoni privileġġata fost iċ-ċereali użati: in-nuqqas ta' ħliefa jagħmel il-ħabba aktar faċli biex tiġi diġerita u, għalhekk, itejjeb il-kwalitajiet ta' assorbiment tagħha. Il-kontenut għoli ta' xaħam u ta' lamtu tiegħu jfisser li huwa tip ta' ċereali partikolarment enerġizzanti li jintuża għat-tismin tat-tiġieġ tas-simna.

Is-supplimentazzjoni sistematika tar-razzjon tal-għalf bit-tafal (bentonit) tiżgura li l-pollam igawdi minn saħħa tajba ħafna u minn kundizzjonijiet interni aħjar, li min-naħa tagħhom jippromwovu tkabbir aktar armonjuż u regolari. Din l-għażla li għamlu l-bdiewa ta' Périgord hija partikolarment importanti u ġġustifikata sew għall-iżvilupp tal-mases tal-muskoli u għat-tismin tal-"Poulard du Périgord", aktar u aktar peress li t-tiġieġ tas-simna ġej minn razza li tikber bil-mod b'perjodu ta' trobbija partikolarment twil.

Is-supplimentazzjoni tal-għalf kollu bil-bentonit tirriżulta f'assorbiment aħjar tar-razzjon matul il-ħajja tal-għasfur. Dan l-assorbiment imtejjeb jikkontribwixxi għall-iżvilupp aħjar tat-tessuti kollha, b'mod partikolari l-muskoli, u għad-distribuzzjoni aħjar tax-xaħam. B'riżultat ta' dan, ix-xaħam addominali, ix-xaħam ta' taħt il-ġilda u x-xaħam intramuskulari huma mqassma b'mod uniformi fil-karkassi kollha tal-"Poularde du Périgord".

Din il-prattika hija relatata mat-tradizzjoni antika li jixterrdu ftit ponnijiet ċereali tal-ħabba sħiħa fuq il-mifrex ta' ġewwa kuljum. Din il-prattika tal-antenati, li qabel kienet tippermetti lill-mara tal-bidwi tiġbor il-pollam flimkien, issaħħaħ ir-rabta bejn in-nisiel u l-pollam, tistimula l-istint tal-flieles li jnaqqru u tiffaċilita l-użu tal-mergħat aktar 'il quddiem. Din l-imġiba hija riflessa f'attività fiżika akbar, li twassal għall-iżvilupp ta' muskoli akbar u għal distribuzzjoni aħjar ta' xaħam fil-muskoli.

Tgħin ukoll biex tistimula l-funzjoni tal-qanżħa minn età żgħira u b'hekk tikkontribwixxi għal assorbiment imtejjeb tal-ingredjenti tar-razzjon u, għalhekk, għall-iżvilupp tal-massa tal-muskoli.

Barra minn hekk, tħeġġeġ lill-flieles biex jigirfu l-mifrex kontinwament, u dan jgħin biex jieħu l-arja u jibqa' xott għal żmien itwal, li huwa importanti meta wieħed iqis d-durata tal-perjodu tat-trobbija ta' dan il-pollam.

Id-drawwa ta' kuljum li jigirfu u jaqilbu l-mifrex hija partikolarment importanti għat-tiġieġ tas-simna, għaliex dan il-pollam li jittiekel għall-festi għandu perjodu twil ta' trobbija li jintemm fl-għeluq. Meta t-tiġieġ tas-simna jqatta' l-ħin fuq ġewwa fuq mifrex nadif ħafna fi tmiem il-perjodu tas-simna, dan jgħin sabiex ir-rix jinżamm fi stat tajjeb ħafna. Imbagħad, it-tajr ikun aktar faċli biex jitnittef, li jfisser li l-kwalità tal-karkassi ppreżentati sħaħ tkun impekkabbli, b'mod partikolari fil-verżjoni lokali tradizzjonali "méti-fait" tagħhom.

It-trobbija fil-berah fuq mergħat li ħafna drabi jkunu wiqfin u msaġġrin ukoll taffettwa l-karatteristiċi speċifiċi tal-"Poularde du Périgord": tirriżulta fi skeletru aktar robust li jippermetti tkabbir aktar sinifikanti tal-mases muskolari (fletti u saqajn).

Ix-xaħam intramuskulari, li jagħti tessut speċifiku "mraħħam" lil-laħam tal-"Poularde du Périgord", jakkumula matul l-aħħar fażi tat-tismin li ssir fuq ġewwa.

Dawn il-fatturi kollha ġew enfasizzati fl-1929 minn La Mazille, koka famuża lokali, fil-kollezzjoni tagħha ta' riċetti lokali: "Waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-eċċellenza tal-pollam ta' Périgord hija l-mod kif jiġi mitmugħ u jissemmen bil-qamħirrum."

Sa mis-seklu dsatax, ir-reputazzjoni tal-"Poularde du Périgord" intweriet ukoll f'kompetizzjonijiet, l-ewwel f'Dordogne (1862) u mbagħad fid-dipartimenti ġirien kollha (Limoges 1862, Agen 1863, Niort 1866), fejn il-biċċa l-kbira tal-premjijiet ingħataw lill-bdiewa ta' Périgord. Bis-saħħa tat-togħma tradizzjonali tiegħu tal-pollam ikkonsmat fl-okkażjonijiet festivi, ir-reputazzjoni tal-"Poularde du Périgord" għadha qiegħda tkompli tikber sal-lum.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-5c9bdae4-4d17-4a5a-955a-ed81e48ac015